MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 2674/1996/1

**Ċitazzjoni numru 2674/1996 JRM**

***Island Construction Company Limited***
***versus***
**Stephen u Mary Rose konjuġi Schembri**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2009 f'kawża b'rikonvenzjoni dwar appalt ta' bini. Is-sentenza li minnha sar dan l-appell tgħid hekk:
«Il-qorti:

Rat l-att taċ-ċitazzjoni mressaq fil-5 ta’ Settembru, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-qorti (a) ssib li l-imħarrkin miżżewġin Schembri huma debituri tagħha fis-somma ta’ tlitt elef mija u sbatax-il lira Maltin u sitta u tmenin eenteżmi (Lm 3,171.86)1, jew f’somma oħra likwidata mill-istess qorti, jekk meħtieġa bl-għajnuna ta’ perit minnha maħtur, u li tirrappreżenta bilane ta’ prezz għal xogħol ta’ bini li l-istess kumpannija attriċi tqabbdet tagħmel mill-imħarrkin u għal materjal konsenjat; (b) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuha s-somma hekk likwidata; u (ċ) tordnalhom ukoll biex iroddu lura xi travetti, proprjetà tagħha, li l-imħarrkin żammew għandhom mingħajr jedd u bla raġuni tajba.

«Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

«Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin miżżewġin Schembri fl-24 ta’ Ġunju, 1998, li biha laqgħu għat-talbiet tal-kumpannija attriċi billi qalu li l-azzjoni saret qabel waqtha għaliex il-kumpannija attriċi abbandunat ix-xogħol qabel intemm. Fuq kollox, laqgħu billi qalu li l-kumpannija attriċi ma wettqitx l-appalt mogħti lilha kif jitolbu s-sengħa u l-arti u għalhekk ma jistħoqqilha l-ebda ħlas sakemm ma tirranġax ix-xogħol ħażin li tathom. Jilmintaw ukoll mill-fatt li qabel infetħet il-kawża ma kinux ingħataw kont dettaljat ta’ dak il-ħlas li kienet qiegħda tippretendi l-kumpannija attriċi u lanqas intalbu jroddulha lura t-travetti tagħha li ħalliet fuq il-lant tax-xogħol. Għalhekk ma għandhomx ibatu spejjeż;

«Rat il-kontro-talba mressqa mill-imħarrkin Schembri fl-24 ta’ Ġunju, 1998, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-qorti (a) tikkundanna lill-kumpannija attriċi rikonvenuta biex tagħmel ix-xogħlijiet kollha ta’ tiswija meħtieġa li jsiru fil-binja li għamlet fuq talba tagħhom u dan fiż-żmien qasir u perentorju li l-qorti jogħġobha tiffissalha u, jekk meħtieġ, taħt is-sorveljanza ta’ perit imqabbad minnha; u (b) f’każ li l-kumpannija attriċi tonqos li twettaq dak lilha ordnat fiż-żmien mogħti, tagħtihom il-jedd li jagħmlu huma x-xogħlijiet meħtieġa ta’ tiswija bi spejjeż għall-istess kumpannija rikonvenuta. Talbu wkoll l-ispejjeż;

«Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi rikonvenuta fit-13 ta’ Awissu, 1998, li biha warrbet it-talbiet rikonvenzjonali bħala mhux mistħoqqa u ċaħdet li

hija tat xogħol ħażin jew li hemm xi xogħlijiet ta' tiswija xi jsiru fix-xogħol minnha mogħti.

«… … …

«Ikkunsidrat:

«Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' xogħol mogħti f'appalt. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "ICL") tqabbdet mill-imħarrkin biex tibnilhom dar fuq art li kellhom fil-Mosta. Tgħid li l-imħarrkin naqsu li jħallsu l-bilanċ dovut għall-istess xogħol u għal xi materjal konsenjat. Tgħid ukoll li żammew għandhom xi travetti tagħha li kienu ntużaw waqt l-appalt u li ma jridux irodduhomlha lura;

«Illi l-imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni billi xlew lil ICL li waqfet mix-xogħol qabel temmet dak li qabbduha tagħmel, u li hija għamlet xogħol ħażin li ma jistħoqqilhiex ħlas tiegħu qabel ma tirranġah. Fuq kollox qalu li huma qatt ma kienu ngħataw kont dettaljat tal-ħlas pretiż u lanqas kienu ntalbu jroddu lura t-travetti. Fuq kollox, ressqu kontro-talba kontra ICL biex jitolbuha tagħmel xogħol ta' tiswija wara li, meta kienet telqet mill-lant, ħarġu xi ħsarat fil-binja li għamlitilhom;

«Illi ICL laqgħet għal din l-azzjoni rikonvenzjonali billi warrbet għal kollox ix-xiljiet tal-imħarrkin rikonvenjenti bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

«Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-imħarrkin kienu xtraw art indikata bħala Plot 252 fi Triq il-Battaljun (illum iġġib l-isem ta' Triq l-Għerien tal-Wied) f'Santa Margerita, fil-limiti tal-Mosta biex fuqha jibnu d-dar tagħhom. Għall-bidu tal-1994, qabbdu lil ICL biex tibnilhom dar fuq dik l-art, liema xogħol kellu jissorveljah il-perit tagħhom, l-arkitett Jean-Pierre Attard. Il-binja kellha tkun ta' *terraced house* b'*garage basement*, żewġ sulari fuqu u kamra tal-bejt. ICL kellha tieħu ħsieb ukoll ix-xiri tal-materjal meħtieġ għall-appalt. L-appalt kien miftiehem bejn il-partijiet skond rati maqbula. Mill-kont sħiħ lilhom mibgħut (li jitla' għal Lm 9,372.66), l-imħarrkin jgħidu li ħallsu b'kollox is-somma ta' Lm 7,100, fosthom Lm 900 għax-xogħol fil-*basement.* L-imħarrkin kienu kisbu għajnuna finanzjarja fis-sura ta' faċilità minn istituzzjoni finanzjarja, tant li tnejn mill-ħlasijiet akkont saru mill-fondi hekk mogħtija;

«Illi x-xogħol imwettaq żamm mal-pjanti mfassla u mad-direttivi tal-perit imqabbad, għalkemm f'xi każijiet ix-xogħol sar "skond il-gosti tal-konvenuti li kienu jgħidulna". ICL lestiet ix-xogħol kollu tal-bini ħlief għat-taraġ li jagħti għad-dħul ewlieni tad-dar u għal gallarija li tinsab fuq il-faċċata tad-dar fit-tieni sular. Għal dan ix-xogħol u kif ukoll għax-xogħol tal-kontro-bejt, l-imħarrkin qabbdu lil ħaddieħor wara li ICJ intalbet li tagħmel dak ix-xogħol u ma resqitx lejn il-post. Il-kejl tax-xogħol imwettaq minn ICL sar mill-perit Attard fil-preżenza tal-imħarrek u tar-rappreżentant ta' ICL;

«Illi fi Frar tal-1995, ICL ħarġet kont proviżorju għax-xogħol li kien sar fil-ġid tal-imħarrkin sa ċertu livell. F'Ġunju tal-1995 u f'Mejju tal-1996, ħarġet kontijiet oħrajn li, bejniethom, kienu jinkludu x-xogħol kollu li għamlet fl-appalt;

«Illi f'Lulju tal-1996, ICL bagħtet titlob il-ħlas lill-imħarrkin permezz ta' ittra uffiċjali, għal liema talba l-imħarrkin wieġbu b'oħra fil-5 ta' Awissu, 1996. Xahar wara nfetħet din il-kawża;

«… … …

«Illi mill-kostatazzjonijiet magħmulin wara aċċess fuq il-post u wkoll minn kalkoli matematiei u tekniċi, il-perit tekniku wasal għall-fehma li ġeneralment ICL wettqet sewwa x-xogħol li tqabbdet tagħmel. Ta' min jgħid, madankollu, li l-perit ra li kien hemm xi nuqqasijiet (fil-wisgħa tal-aperturi fil-faċċata u fil-blata tat-tieqa t'isfel) li huwa sejħilhom "kosmetiċi" u ta' ftit siwi, u sab ukoll li waħda mill-planki li qiegħda terfa' l-bini tad-dar ixxaqqet għal tulha u qiegħda terfa' piż akbar minn kemm suppost u li qies li tali difett "jista' jkun serju u jimmerita investigazzjoni sew" għalkemm deherlu li tali piż qiegħed jintrefa' mill-planki li hemm fuq kull naħa tal-planka mxaqqa. Jekk il-qorti fehmet sewwa, madankollu, jidher li l-perit tekniku ma setax jasal għal fehma univoka dwar min jista' jaħti għal dan in-nuqqas (ara §§ 29.1, 29.2, 29.4 u 29.5 tar-relazzjoni);

«Illi f'kull każ, mill-provi mressqa ma setax jitqies li r-responsabbiltà għall-għażla tal-planki partikolari ttieħdet minn jew fuq inizzjativa ta' ICL. F'każ fejn hemm allegazzjoni ta' għamil dannuż, din trid tkun ippruvata kif imiss minn min jagħmilha u tali prova trid tkun fil-grad

mistenni. Meta tressaq jixhed mill-ġdid il-perit Attard imqabbad mill-imħarrkin, dan qal li hu ma kienx involut professjonalment fix-xogħol tad-disinjar u l-provvista tal-planki. Anzi, seħaq li dik l-għażla u dik il-provvista kienu mħollija għal kollox f'idejn ICL. ICL ma merietx din ix-xhieda, minkejja li kellha opportunità li tagħfas lill-imsemmi xhud b'kontro-eżami;

«Illi l-perit tekniku żamm lura milli jixħet xi ħtija partikolari jew li jagħmel xi attribuzzjoni dwar tali ħtija. Huwa wkoll ħalla barra mill-fehmiet tiegħu kostatazzjonijiet ta' natura legali. Wera ċerta fehma b'mod qawwi dwar it-tħollija minn persuna professjonalment responsabbli ta' deċiżjonijiet bħal dawn f'idejn kuntrattur, imma stqarr li ma kellux biżżejed elementi ta' prova biex jipponta subgħajh lejn xi responsabbiltà partikolari ta' xi ħadd jew f'liema grad;

«Illi f'sitwazzjoni bħal din, il-liġi trid li fejn il-bieea tal-ħsara li kull wieħed ikun ġab b'għamilu ma tkunx tista' tiġi stabilita, min ikun bata l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid minn dawk li jkunu ħadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi ħadd minnhom ma jkunux imxew dolożament, bla ħsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn;

«… … …

«Illi fil-każ tal-lum, il-perit tekniku wasal għall-fehma testwali li "kalkolu approssimattiv preliminari kien jindika li s-saqaf ordnat mhux addattat għall-pisien proġettati, mingħajr mezzi aħjar ta' distribuzzjoni tal-pisien. ... Ma teżistix *short cut* għall-ippjanar bil-ħsieb u kalkoli bir-reqqa għal xogħljiet strutturali. Huwa ħażin li professjonist inkarigat iħalli f'idejn il-kuntrattur, li ma jistax ikun kompetenti, ħadem kemm ħadem, biex jieħu ċerti deċiżjonijiet". Imbagħad għadda biex jindika x'xogħlijiet rimedjali jaħseb li għandhom isiru. Dawn il-fehmiet tal-perit tekniku jixhdu tajjeb biżżejjed li hu kien imħasseb minn dak li sab u li dan it-tħassib isejjes l-ilment tal-imħarrkin li xi parti mix-xogħol mogħti minn ICL ma kienx sewwa. Il-perit ma setax jgħid kemm minn dan in-nuqqas huwa mitfugħ fuq ICL u kemm fuq ħaddieħor. Huwa fatt pruvat, madankollu, li ICL innifisha bagħtet lill-imħarrkin il-kont għall-planki, ukoll jekk l-imħarrkin ħallsu l-kont

b'*cheque* pagabbli direttament lill-kumpannija li forniethom;

«Illi l-qorti jidhrilha li wieħed ma jistax jiċħad ir-rabta bejn il-bini tad-dar tal-imħarrkin u l-ħsara li ħarġet fil-planka minħabba t-tagħbija żejda li tgħabbiet fuqha. Il-planka kienet ipprovduta bħala parti mill-appalt u l-bini li ttella' fuqha kien ukoll xogħol li jagħmel mill-appalt mogħti lil ICL. Minħabba f'hekk, u minħabba li ma ntweriex li l-imħarrkin għamlu xi ħaġa li biha ħalqu ċirkostanza supervenjenti jew kisru r-rabta kawżali bejn it-twettiq tal-appalt u l-ħsara li ħarġet, din il-qorti tasal għall-fehma li dik il-ħsara hija dannu li l-imħarrkin ġarrbu u li xi ħadd irid jagħmel tajjeb għaliha;

«Illi bi tħaddim tar-regola msemmija fl-imsemmi artikolu 1050 flimkien mal-artikolu 1538 tal-Kodiċi Ċivili, l-qorti tasal għall-fehma li ICL trid tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li l-imħarrkin iridu jidħlu għalihom biex jitneħħa l-periklu misjub minħabba l-piż fuq il-planka, jekk kemm-il darba ICL innifisha tonqos li tagħmel hi x-xogħol rimedjali suġġerit;

«Illi l-perit tekniku qies li biex ikun hemm xi għamla ta' kumpens għan-nuqqasijiet "kosmetiċi", ma kienx il-każ li jirrakkomanda xogħlijiet rimedjali ("għaliex m'hemm xejn x'tagħmel"), iżda li jingħata kumpens fi flus. Dwar dawn, qies li kumpens ta' € 186.35 ikun tajjeb biżżejjed. Dwar l-ispejjeż tax-xogħlijiet għat-tirfid u t-tisħiħ tal-planka, huwa ssuġġerixxa x'inhuma x-xogħlijiet meħtieġa u xi tkun in-nefqa stmata għal tali xogħlijiet. Huwa qies li din in-nefqa titla' għal € 1,048.22;

«Illi dwar l-ammont bilanċjali dovut, ICL għandha raġun meta tgħid li l-perit tekniku ma għamilx sewwa li qagħad fuq dak li xehdu l-imħarrkin fl-*affidavit* tagħhom fis-sens li huma kienu ħallsu € 2,096.44 fi flus kontanti f'żewġ okkażjonijiet oħrajn, minbarra fiż-żewġ ħlasijiet magħmulin b'*cheque* u debitament dokumentati fl-atti. Il-qorti tqis li min jallega l-ħlas irid iġib il-prova ta' dak il-ħlas u mhux biżżejjed jallegah. Normalment, min iwettaq ħlas jagħmel ħiltu biex jingħata xhieda ta' dak il-ħlas, x'aktarx b'riċevuta. L-imħarrkin naqsu minn dan ir-rigward. Minbarra dan, meta wieġbu għall-ittra uffiċjali mibgħuta lilhom minn ICL, lanqas biss semmew xejn biex jikkontestaw l-ammont speċifiku mitlub mill-mittenti, imma

illimitaw irwieħhom biex jilmintaw fuq xi nuqqasijiet fix-xogħol mogħti. Dan kollu jwassal lill-qorti biex twarrab bħala ppruvat kif imiss dak il-ħlas;
«Illi għalhekk, is-somma mitluba minn ICL fl-att taċ-ċitazzjoni tirriżulta mistħoqqa u għandha titħallas lilha mill-imħarrkin, nieqes minnha s-somma ta' mija u sitta u tmenin euro u ħamsa u tletin ċenteżmi (€ 186.35) bħala kumpens għan-nuqqasijiet "kosmetiċi". F'każ li ICL tonqos li tagħmel ix-xogħlijiet rimedjali suġġeriti mill-perit tekniku dwar il-ħsara fil-planka, l-imħarrkin ikollhom il-jedd li minn dak il-bilanċ inaqqsu s-somma ulterjuri ta' elf u tmienja u erbgħin euro u tnejn u għoxrin ċenteżmi (€ 1,048.22);
«Illi, fl-aħħarnett, l-imħarrkin ma ressqu l-ebda kontestazzjoni għat-talba ta' ICL dwar it-travetti li huma żammew għandhom. Għall-kuntrarju, illimitaw id-difiża tagħhom fis-sens li żammewhom għaliex ma ntalbux irodduhom lura. Minbarra f'hekk, fl-aħħar paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jiddikjaraw saħansitra li ICL "tista' tmur u tiġborhom meta trid";
«Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:
«Tilqa' l-ewwel talba attriċi billi tillikwida s-somma dovuta lill-kumpannija attriċi mill-imħarrkin fl-ammont ta' sebat elef mitejn u żewġ euro (€ 7,202), bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-23 ta' Lulju, 1996 sal-jum tal-ħlas effettiv;
«Tilqa' t-tieni talba attriċi u tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' € 7,202 hawn fuq imsemmija, salv dak li se' jingħad aktar 'l isfel;
«Tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna lill-imħarrkin sabiex, fi żmien ħmistax-il jum millum, iroddu lura t-travetti tal-kumpannija attriċi li qegħdin iżommu mingħajr jedd, jew li jiftehmu mal-istess kumpannija attriċi biex tgħaddi tiġborhom;
«Tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-imħarrkin billi ssib li l-kumpannija attriċi rikonvenzjonata għandha tagħmel ix-xogħlijiet ta' tiswija mfissra mill-perit tekniku fil-paragrafu 30 tar-Relazzjoni tiegħu (li għandha titqies ħaġa waħda mal-parti dispożittiva ta' din is-sentenza), u dan fi żmien xahrejn millum. Minħabba li l-perit tekniku miet fil-mori tal-

kawża, il-qorti qegħda taħtar għal dan il-għan lill-Perit Arkitett Paul Micallef biex jissorvelja x-xogħlijiet meħtieġa;
«Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali tal-imħarrkin billi tawtorizzahom li jagħmlu huma x-xogħlijiet suġġeriti mill-perit minflok il-kumpannija attriċi rikonvenzjonata, f'liema każ ikollhom il-jedd li jnaqqsu s-somma ta' elf u tmienja u erbgħin euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€ 1,048.22) mill-ammont imsemmi bħala dovut lill-kumpannija attriċi rikonvenzjonata;
«Tordna li l-imħarrkin iħallsu l-ispejjeż tal-kawża safejn jirrigwardaw l-azzjoni ewlenija u l-kumpannija attriċi tħallas l-ispejjeż tal-azzjoni rikonvenzjonali, magħduda d-drittijiet dovuti lill-perit tekniku maħtur bis-saħħa ta' din is-sentenza biex jissorvelja x-xogħlijiet rimedjali.»
2. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tad-19 ta' Ottubru 2009. L-aggravji tagħhom huma dawn:
i. l-ewwel qorti "naqset milli tagħmel kalkoli matematiċi tajbin" meta qalet illi l-bilanċ li l-konvenuti fadlilhom jagħtu huwa ta' sebat elef, mitejn u żewġ euro (€7,202) – daqs tlitt elef, mija u wieħed u sebgħin lira u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm3,171.86), jew sebat elef, tliet mija u tmienja u tmenin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€7,388.45), kemm talbet l-attriċi, neqsin mija u sitta u tmenin euro u ħamsa u tletin ċenteżmi (€ 186.35) għan-"nuqqasijiet kosmetiċi" – għax ma naqqsitx il-ħlasijiet kollha magħmula akkont mill-konvenuti. Il-konvenuti jfissru dan l-aggravju hekk:
«… L-appalt kien miftiehem bejn il-partijiet skond rati maqbula. Mill-kont sħiħ lilhom mibghut (li jitla' ghal Lm9,372.66), l-imħarrkin ħallsu b'kollox is-somma ta' Lm7,100.
«Illi l-ammont ta' Lm7,100 li tħallas mill-appellanti kien sar permezz ta' tliet pagamenti u *cioè* permezz ta' *cheque* ta' Lm5,180 u ieħor ta' Lml,020 kif ukoll permezz ta' somma ta' Lm900 li kienet tħallset *cash*.
«Illi minkejja li l-ewwel onor. qorti rrikonoxxiet u bbażat ruħha fuq l-ammont ta' Lm9,372.66 u l-ammont ta' Lm7,100, bi żball jew bi żvista, baqgħet tibbaża ruħha fuq l-ammont mitlub ta' Lm3,172 mentri d-differenza bejn l-ammont dovut ta' Lm9,372.66 u l-ammont li thallas ta' Lm7,l00 hija Lm 2,272.66 (ekwivalenti għal €5,293.87).»

ii. it-tieni aggravju huwa illi, għalkemm l-ewwel qorti qalet illi tassew illi kien hemm xogħol ħażin – planka li ma tiflaħx il-piż li qiegħda terfa’ u għalhekk inqasmet – li għalih kellha twieġeb l-attriċi, u tat ukoll tnaqqis minħabba dan ix-xogħol ħażin, it-tnaqqis ta’ elf u tmienja u erbgħin euro u tnejn u għoxrin ċenteżmi (€ 1,048.22) ma huwiex biżżejjed. Komplew fissru dan l-aggravju hekk:

«Dwar l-ispejjeż tax-xogħlijiet għat-tirfid u t-tisħiħ tal-planka, il-perit tekniku ddikjara illi n-nefqa titla’ għal €1,048.22.

«… … …

«Illi però l-appellanti umilment jirrimarkaw illi peress li l-ammont ta’ €1,048.22 kien ġie maħdum skond ir-rati eżistenti fl-2003 meta ġie preżentat ir-rapport tal-perit tekniku, għandu wkoll jirriżulta illi kemm peress li minn dak inhar il-ħsarat żdiedu u kemm peress illi l-ispejjeż sabiex isir dan ix-xogħol żdiedu wkoll, dan l-ammont għandu jiġi reviżjonat sabiex jirrifletti l-ammont li l-appellanti ser ikollhom jonfqu fil-preżent sabiex jagħmlu t-tiswijiet rimedjali necessarji. Illi *stante* li l-*mano d’opera* f’dan is-settur gholiet konsiderevolment fl-aħħar snin, l-ispejjeż li ser ikollhom jinkorru ser ikunu konsiderevolment aktar min €1,048.22.»

iii. it-tielet aggravju huwa dwar xogħlijiet li baqgħu ma sarux. Dan l-aggravju fissruh hekk:

«Illi s-soċjetà appellata naqset milli tagħmel ix-xogħol kollu li hija kienet obbligat ruħha li tesegwixxi bil-konsegwenza li l-appellanti kellhom iqabbdu lil ħaddiehor biex jagħmel dawn ix-xogħolijiet u dan bi spejjeż żejda għalihom.

«Illi hekk kif kien ikkonfermat mill-ewwel onor. qorti, is-soċjetà appellata kienet lestiet ix-xogħol tal-bini ħlief għat-taraġ li jagħti għad-dħul ewlieni tad-dar u għal gallarija li tinsab fuq il-faċċata tad-dar fit-tieni sular.

«Għal dan ix-xogħol u kif ukoll għax-xogħol tal-kontro-bejt (li għaldaqstant impliċitament jidher li ma kienx sar ukoll mis-soċjetà appellata), l-appellanti qabbdu lil ħaddiehor wara li s-soċjetà appellata kienet intalbet li tagħmel dak ix-xogħol iżda ma resqitx lejn il-post.

«Illi l-kont oriġinali ta’ Lm9,372.66 li kien inħareġ mis-soċjetà attriċi kien jinkludi fih ukoll dan ix-xogħol li fil-fatt ma twettaqx.

«Illi però, hekk kif spjegat, dawn it-tliet biċċiet ta' xogħol baqgħu ma ġewx magħmulin mis-soċjetà appellata tant li l-appellanti kellhom iqabbdu lil ħaddiehor biex jagħmilhom u b'hekk nefqu spejjeż żejda għal xogħol li kellu jsir mis-soċjetà appellata anki peress illi s-somma mitluba minn ħaddiema li jiġu mqabbda jagħmlu biċċa xogħol minflok dar sħiħa tkun ogħla peress illi ċertu spejjez li jiġu ffrankati waqt li tkun qed tinbena dar sħiħa ma jiġux iffrankati meta wieħed ikollu jidħol fuq xogħol ħaddiehor.
«Illi l-ewwel onor. qorti, minkejja li rrikonoxxiet li s-soċjetà appellata ma kinitx lestiet ix-xogħol kollu li kienet obbligata li tlesti, naqset milli tipprovdi għat-tnaqqis relattiv mill-ammont mitlub mis-soċjetà appellata minkejja li ħareġ ċar illi l-appellanti nkorrew spejjeż żejda sabiex jitwettaq ix-xogħol li s-soċjetà appellata ma wettqitx.
«… … …
«Illi ladarba l-appellanti kellhom iqabbdu lil terzi persuni sabiex ilestu x-xogħolijiet li s-soċjetà appellata m'għamlitx, l-appellanti għandhom kull dritt li jingħataw tnaqqis fil-prezz tax-xogħol appaltat kemm (a) għab-bazi tal-fatt illi dawn ix-xogħolijiet kienu inklużi fil-prezz mitlub mis-soċjetà appellata u (b) kif ukoll għaliex sabiex jitqabbad ħaddiehor biex jagħmel dawn ix-xogħolijiet, l-ispejjeż kienu akbar minn dawk li kienu ser jiġu sofferti li kieku s-soċjetà appellata lestiet tali xogħolijiet.
«Illi għaldaqstant … għandu joħroġ biċ-ċar illi għandu jkun hemm tnaqqis ulterjuri u sostanzjali sabiex l-appellanti jiġu kkumpensati għax-xogħolijiet li kellhom iqabbdu lil ħaddiehor li jagħmel wara li s-soċjetà appellata, bi ksur tal-ftehim tal-appalt, naqset milli tesegwixxi dawk ix-xogħolijiet hija stess.»
3. Il-konvenuti appellanti għalhekk talbu illi l-qorti:
«(I) tiddikjara li l-ammont misthoqq lis-soċjetà appellata għandu jkun ferm anqas mill-ammont ta' €7,202 kif mogħti mill-ewwel onor. qorti *stante* li:
«(i) għandu jiġi mnaqqas l-ammont ta' Lm900 ekwivalenti għal €2,096.44 li ġà tħallas lis-soċjetà appellata …; u
«(ii) is-soċjetà appellata naqset milli tagħmel ix-xogħol kollu miftiehem bil-konsegwenza li l-appellanti kellhom iqabbdu lil ħaddiehor biex ilestulhom ix-xogħol bi spiża żejda għalihom; u

«(2) tawtorizza lill-appellanti jagħmlu huma x-xogħlijiet ta’ tiswija suġġeriti mill-perit kemm-il darba s-soċjetà appellata tonqos li tesegwixxi tali tiswijiet fiż-żmien lilha mogħti, f’liema każ ikollhom il-jedd li jnaqqsu s-somma ta’ elf u tmienja u erbgħin euro u tnejn u għoxrin ċentezmu (€l,048.22) mill-ammont dovut lis-soċjetà appellata, liema somma għandha tiġi riveduta u awmentata sabiex tagħmel tajjeb (a) għall-ħsarat ulterjuri li żviluppaw fil-proprjetà tal-esponenti mid-data tar-rapport u (b) taż-żjieda fl-ispiża tal-*mano d’opera* u materjal neċessarja sabiex isiru tali xogħolijiet.

«Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata *stante* li wara kollox kienet hi li, mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, ma komplietx ix-xogħlijiet li obbligat ruħha li tesegwixxi għall-appellanti u dan minkejja li ġiet interpellata sabiex tesegwihom.»

4. Is-soċjetà attriċi wieġbet fis-6 ta’ Novembru 2009 u fissret għala, fil-fehma tagħha, l-appell għandu jiġi miċħud.

5. Ngħaddu issa biex inqisu wieħed wieħed l-aggravji tal-konvenuti.

6. L-ewwel aggravju huwa illi l-ewwel qorti, bi żball ta’ kalkolu matematiku, ma qisitx il-ħlas ta’ disa’ mitt lira (Lm900) li l-konvenuti jgħidu li għamlu fi flus kontanti, biex hekk waslet għal bilanċ ta’ tlitt elef, mija u tnejn u sebgħin lira (Lm3,172) flok ta’ elfejn, mitejn u tnejn u sebgħin lira u sitta u sittin ċenteżmu (Lm 2,272.66).

7. Tassew illi l-ewwel qorti ma qisitx il-ħlas ta’ disa’ mitt lira (Lm900) – daqs elfejn u sitta u disgħin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€2,096.44) – iżda dan ma kienx għax għamlet żball matematiku iżda għax, wara apprezzament tax-xiehda, waslet għall-konklużjoni illi ma nġibitx prova tajba illi dak il-ħlas tassew sar għax il-konvenuti ma wrewx riċevuta.

8. Tassew illi fil-proċess hemm kopja ta’ dokument[1] li juri li saru żewġ ħlasijiet – wieħed ta’ ħames mitt lira (Lm500) u l-ieħor ta’ erba’ mitt lira (Lm400), b’kollox disa’ mitt lira (Lm900), daqskemm igħidu l-konvenuti – u dan id-dokument huwa iffirmat iżda l-firma hija indeċifrabbli. Jekk il-konvenuti qegħdin igħidu illi l-firma hija ta’ rappreżentant tas-soċjetà attriċi, u li għalhekk id-

[1] *Fol.* 78 *tergo* tal-proċess tal-ewwel qorti.

dokument jiswa bħala riċevuta, kien imisshom inqdew bil-jedd li jagħtihom l-art. 634(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex iġiegħlu lir-rappreżentant tal-attriċi jgħid jekk il-firma hijiex tiegħu jew le. Dan ma għamluhx.

9. Fil-fehma ta' din il-qorti, għalhekk, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

10. It-tieni aggravju jgħid illi tnaqqis ta' elf u tmienja u erbgħin euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€ 1,048.22) minħabba l-planka maqsuma ma huwiex biżżejjed, kemm għax dak l-ammont inħadem mill-perit tekniku fuq rati tal-2003, u llum ix-xogħol jiswa iżjed, u kemm għax il-ħsarat żdiedu. Dwar dan l-aggravju l-attriċi wieġbet hekk:

«… … … is-soċjetà esponenti ma tistax taċċetta dan ir-raġunament tal-appellanti u jiġi sottomess umilment illi anke kieku għall-grazzja tal-argument u għall-grazzja tal-argument biss, xi żjieda *oltre* l-ammonti u r-rati applikati u determinati fir-rapport tekniku hija f'lokha, xorta waħda s-soċjetà esponenti ma tistax tiġi tenuta responsabbli għal din iż-żjieda *stante* illi kwalunkwe trapass ta' żmien kif fuq imsemmi ċertament ma huwiex imputabbli lilha. Wara kollox, kienet is-soċjetà esponenti stess li intavolat l-azzjoni odjerna li tat lok għall-kontro-talba tal-appellanti.

«Barra minn hekk, jiġi sottomess ukoll illi, fi kwalunkwe każ, l-appellanti mhux talli ma ressqu l-ebda prova ta' kemm għandha tkun iż-żjieda pretiża fl-ispejjeż u fir-rati applikati mill-perit tekniku, talli lanqas ma għamlu talba f'dan is-sens quddiem il-qorti in prim'istanza qabel il-prolazzjoni tas-sentenza. Ċertament illi f'dan l-istadju ta' appell, talba għal żjieda fil-prezzijiet kif pretiż mill-appellanti hija irritwali u improponibbli *stante* illi din it-talba setgħet faċilment tiġi mressqa quddiem l-ewwel onorabbli qorti flimkien mal-prova relattiva dwar iż-żjieda effettiva, jekk verament hemm lok għaliha, fir-rati tal-*mano d'opera* u dwar iż-żjieda fil-ħsarat allegatament sofferti mill-appellanti. Bir-rispett kollu, l-appellanti ma ressqu l-ebda prova in prim'istanza dwar rati u dwar kif il-ħsarat fil-planka li qed terfa' l-piż tad-dar tal-appellanti żdiedu bil-konsegwenza, dejjem allegata, li żdiedu wkoll l-ispejjeż rikjesti għax-xogħol rimedjali indikat mir-rapport tekniku. Konsegwentement, f'dawn iċ-ċirkostanzi, anke għax ma ġietx mitluba, l-ewwel onorabbli qorti ma kinetx tenuta illi tikkumpensa ulterjorment lill-appellanti kif jippretendu fir-

rikors tal-appell tagħhom, kif anke ma tistax tiġi tenuta dina l-onorabbli qorti illi żżid l-ammonti mingħajr l-inqas ombra ta' prova dwar tali żjieda pretiża. »

11. Fil-fehma ta' din il-qorti dan l-aggravju huwa ġustifikat. Il-planka kien imissha saret sew mill-attriċi mill-bidunett, u jekk dan ma għamlitux u għalhekk għandha twieġeb għan-nuqqas – u dwar dan ma hemm ebda kontestazzjoni għax ma sar ebda appell mid-deċiżjoni tal-ewwel qorti dwar il-ħtija tal-attriċi – ma huwiex xieraq illi l-konvenuti jbatu għad-dewmien biex l-attriċi twettaq l-obbligazzjonijiet tagħha.

12. L-obbligazzjoni tal-attriċi li tħallas l-ispejjeż hija sekondarja: l-obbligazzjoni ewlenija tagħha hija li tagħmel ix-xogħol meħtieġ u huwa biss jekk tonqos li tagħmel dan illi l-konvenuti jkollhom ir-rimedju sekondarju li jagħmlu x-xogħol huma bi flus l-attriċi. Mela l-attriċi għandha tiġi ippremjata talli tonqos milli twettaq l-obbligazzjoni ewlenija tagħha?

13. Tassew illi l-konvenuti ma ġabux prova ta' kemm sejrin jiżdiedu l-ispejjeż, iżda din il-prova ma tistax tinġieb preventivament; l-aktar li tista' tinġieb hija stima, iżda n-nefqa meħtieġa tista' tiġi magħrufa biss hekk kif jitlestew ix-xogħlijiet.

14. Lanqas ma hu minnu illi, kif tgħid l-attriċi, il-konvenuti ma għamlux quddiem l-ewwel qorti t-talba li qegħdin jagħmlu issa. It-talba tagħhom kienet mill-bidunett illi l-qorti (i) tikkundanna lill-attriċi "tagħmel ix-xogħlijiet kollha ta' tiswija li hemm bżonn li jsiru" u (ii) "fin-nuqqas tawtorizza lill-konvenuti sabiex jagħmlu l-istess xogħlijiet a spejjeż tas-soċjetà attriċi"; ma talbux kwantifikazzjoni ta' dawn l-ispejjeż minn qabel.

15. Din il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi għandha tilqa' dan l-aggravju u tirriforma s-sentenza appellata billi, waqt li tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-attriċi tagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa, u fejn tat lill-konvenuti s-setgħa li, fin-nuqqas tal-attriċi, jagħmlu x-xogħlijiet huma, tħassarha fejn tat lill-konvenuti, jekk ikollhom jagħmlu x-xogħol huma, il-jedd li jnaqqsu mill-bilanċ li għandhom jagħtu lill-attriċi s-somma ta' elf u tmienja u erbgħin euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€ 1,048.22), u minflok sejra tagħti lill-konvenuti l-jedd illi mill-istess bilanċ inaqqsu l-ispejjeż

kollha li jkunu approvati mill-perit tekniku maħtur biex jissorvelja x-xogħlijiet.

16. Naturalment, ladarba l-konvenuti kienu ġustifikati illi ma jħallsux lill-attriċi sakemm din ma tkunx għamlet ix-xogħol sew, l-imgħax fuq il-bilanċ li jibqa' dovut lill-attriċi ma għandux igħaddi b'seħħ mit-23 ta' Lulju 1996, kif qalet l-ewwel qorti, iżda minn meta dan il-bilanċ ikun magħruf wara li jkunu tlestew – mill-attriċi jew mill-konvenuta, kif ikun il-każ – ix-xogħlijiet meħtieġa.

17. It-tielet aggravju huwa dwar xogħlijiet illi l-attriċi baqgħet ma għamlitx, għalkemm sejra titħallas tagħhom, u għalhekk kellhom isiru minn terzi.

18. Dan l-aggravju wkoll, fil-fehma ta' din il-qorti, huwa ġustifikat għax *inadimplenti non est adimplendum* iżda din il-qorti ma tistax tagħti rimedju għax il-konvenuti mhux biss ma ressqu ebda prova ta' kemm ġew jiswew dawn ix-xogħlijiet – la b'riċevuti u lanqas bil-mezz ta' perizja teknika – iżda wkoll fil-proċess ma hemm ebda kriterju li fuqu din il-qorti tista' b'xi mod, imqar *arbitrio boni viri*, tasal għal xi konklużjoni motivata dwar kemm jiswew dawn ix-xogħlijiet. Dawn il-mezzi biex jingħataw ir-rimedju xieraq il-konvenuti kien imisshom ressquhom quddiem l-ewwel qorti u mhux jippretendu li b'xi mod iġġibhom mix-xejn din il-qorti; jekk naqsu, *imputent sibi*.

19. Dan l-aggravju għalhekk ma jistax jintlaqa'.

20. Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti hekk tiddisponi mill-appell:

i. tirriforma d-deċiżjoni dwar l-ewwel talba attriċi billi tħassarha fejn ordnat illi l-imgħax fuq il-bilanċ li jibqa' dovut lill-attriċi igħaddi b'seħħ mit-23 ta' Lulju 1996 u, minflok, tordna illi l-imgħax jibda jgħaddi b'seħħ minn meta l-bilanċ dovut lill-attriċi ikun magħruf wara li jkunu tlestew – mill-attriċi jew mill-konvenuta, kif ikun il-każ – ix-xogħlijiet rimedjali ordnati mill-ewwel qorti;

ii. tirriforma d-deċiżjoni dwar it-tieni talba rikonvenzjonali billi tikkonfermaha fejn tat lill-konvenuti s-setgħa li jagħmlu huma x-xogħlijiet rimedjali jekk l-attriċi ma tagħmilhomx fiż-żmien li ngħatalha mill-ewwel qorti; tħassarha fejn ordnat illi, f'dak il-każ, il-konvenuti jkollhom il-jedd li jnaqqsu mill-bilanċ li għandhom jagħtu lill-attriċi s-somma ta' elf u tmienja u erbgħin euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€ 1,048.22); u, minflok, tagħti lill-konvenuti l-

jedd illi mill-istess bilanċ inaqqsu l-ispejjeż kollha għax-xogħlijiet rimedjali li jkunu approvati mill-perit tekniku maħtur mill-ewwel Qorti biex jissorvelja x-xogħlijiet; u

iii. tikkonfermaha fil-bqija.

21. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu regolati kif tgħid is-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------